

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1341/2013**tat-13 ta' Diċembru 2013****li jiddetermina safejn jistgħu jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa f'Novembru 2013 għal ċerti prodotti tal-ħalib fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 2535/2001**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti agrikoli soġġetti għal sistema ta' ċertifikati tal-importazzjoni ⁽²⁾ [titlu mhux uffiċjali], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa bejn l-20 u t-30 ta' Novembru 2013 għal ċerti kwoti tariffarji msem-

mija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ⁽³⁾, jirrigwardaw kwantitajiet oġġla minn dawk disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat kemm jistgħu jinħarġu liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġu ffixxati l-koeffiċjenti tal-allokazzjoni applikabbli għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti tal-kwoti tariffarji msemmija fit-taqsimiet I.A, I.F, I.H, I.I, u I.J u I.K tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, imressqa matul il-perjodu bejn l-20 u t-30 ta' Novembru 2013, jaġġtu lok għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-kwantitajiet mitluba, bil-koeffiċjenti tal-allokazzjoni ffixxati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.⁽³⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 tal-14 ta' Diċembru 2001 li jipprova regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29.

ANNEX

I.A

Numru tal-kwota tariffarja	Koeffiċjent tal-allokazzjoni
09.4590	—
09.4599	100 %
09.4591	—
09.4592	—
09.4593	—
09.4594	—
09.4595	3,495052 %
09.4596	100 %

“—”: Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

I.F

Prodotti li joriġinaw mill-Isvizzera

Numru tal-kwota tariffarja	Koeffiċjent tal-allokazzjoni
09.4155	100 %

I.H

Prodotti li joriġinaw min-Norveġja

Numru tal-kwota tariffarja	Koeffiċjent tal-allokazzjoni
09.4179	100 %

I.I

Prodotti li joriġinaw mill-Islanda

Numru tal-kwota tariffarja	Koeffiċjent tal-allokazzjoni
09.4205	100 %
09.4206	100 %

I.J

Prodotti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Moldova

Numru tal-kwota tariffarja	Koeffiċjent tal-allokazzjoni
09.4210	—

“—”: Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

I.K

Prodotti li joriġinaw min-New Zealand

Numru tal-kwota tariffarja	Koeffiċjent tal-allokazzjoni
09.4514	100 %
09.4515	100 %